MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2008

Numru 752/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**
v

**MARK CAUCHI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK CAUCHI** ta’ tmienja w ghoxrin sena, bin John u Margaret nee Gauci, imwieled H’Attard nhar d-dsatax ta’ Mejju 1980 u residenti, 75, Triq Nazzarenu, Paola, detentur tal-karta tal-identita numru 252880M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tlettax t’Awwissu 2008, ghal habta tal-ghaxra w nofs ta’ filghodu, fil-Floriana;

1. Ikkommetta serq t’ghodda w oggetti ohra minn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBG 671 fi Pjaza Luigi Preziosi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro izda mhux l-elfejn u

tlett mija u disgha w ghoxrin Euro, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Leslie Storace;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom sittax il-cavetta ta’ diversi vetturi minn go vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha w ghoxrin Euro, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe dak ta’ serq minn go vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAA 165 fi Triq il-Fosos, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku sehh, kien ikun kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha w ghoxrin Euro, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ John Attard;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe dak ta’ serq minn go vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LAE 041 fi Triq il-Fosos, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku sehh, kien ikun kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha w ghoxrin Euro, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Romeo Delmar;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe dak ta’ serq minn go vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAL 996 fi Triq F.S. Fenech, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku sehh, kien ikun kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro izda mhux l-elfejn u

tlett mija u disgha w ghoxrin Euro, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Silvio Abela;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’Malta, laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif wkoll barra minn malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

7. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe f’vettura bin-numru ta’ registrqazzjoni GAL 996 liema hsara tiskorri l-elf, mija u sbatax l-Euro izda inqas minn l-elf, mija hamsa w sittin Euro.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 278 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tlettax t’Awwissu 2008 esibita bhala Dok. CSH 4.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li s-sitt (6) akkuza nghatat b’mod alternattiv ghal akkuza ta’ serq.

Semghet **l-ammissjoni tal-imputat rigward l-ewwel (1), t-tieni (2), t-tielet (3), r-raba (4), l-hames (5) w is-sebgha (7) akkuza,** liema ammissjoni tinsab registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbatax t’Awwissu 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-prezentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu biss kontravenzjoni wahda registrata fuqha li tirrisali ghas-sena 1999 fejn kien fejn inghata multa u sospenzjoni tal-licenzja ghal sitt xhur w ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz;

4. Il-fatt li l-imputat ghandu problema t'abbuz tad-droga.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 278 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat MARK CAUCHI hati tal-ewwel (1), t-tieni (2), t-tielet (3), r-raba (4), l-hames (5) w is-sebgha (7) akkuza, fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija effettivi filwaqt li tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) akkuza stante li nghata b'mod alternattiv ghal akkuza ta' serq.**

**Il-Qorti qieghda taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha sabiex waqt iz-zmien li l-imputat qieghed il-habs, jiskonta din is-sentenza ghandu jinghata l-ghajnuna kollha possibli sabiex jindirizza l-problema li hu ghandu 'n konnesjoni mal-abbuz tad-droga bil-ghan li jibda program immedjatament.**

Il-Qorti tordna, wara li rat l-artikolu 403(1) tal-Kap 9, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------